

Espert Ewlieni fit-Tħejjija u r-Rispons għall-Emerġenza

Unità: Funzjonijiet tas-Saħħa Pubblika

Referenza: ECDC/AD/2020/PHF-PEEPR

Qegħdin jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' hawn fuq ta' Aġent Temporanju fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

Deskrizzjoni tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg se jittqiegħed fl-Unità tal-Funzjonijiet tas-Saħħa Pubblika u se jkun taħt il-Mexxej tal-Grupp dwar ir-Rispons u l-Operazzjonijiet ta' Emerġenza tas-Sezzjoni ta' Tħejjija għall-Emerġenza u r-Rispons (EPRS). Huwa/hija se jaħdem/taħdem flimkien mal-membri tat-tim u unitajiet oħrajn involuti biex ikompli jiżviluppaw l-attivitajiet taċ-Ċentru relatati mat-tħejjija u l-operazzjonijiet ta' rispons f'każ ta' emerġenza sabiex jidentifikaw, jivvalutaw, iħejju għal u jirrispondu għal theddid transfruntieri serju għas-saħħa relatat ma' mard li jittieħed.

Hu/Hi se jkun/tkun responsabbli b'mod partikolari mill-oqsma ta' xogħol li ġejjin:

- L-appoġġ, f'kollaborazzjoni mal-unitajiet tal-ECDC involuti u taħt is-supervizzjoni tal-Mexxej tal-Grupp dwar ir-Rispons u l-Operazzjonijiet ta' Emerġenza tat-Taqsima tal-EPRS, l-iżvilupp tal-attivitajiet taċ-Ċentru li għandhom l-għan li jsaħħu t-tħejjija u r-rispons għall-emerġenza tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' theddid ta' mard li jittieħed, f'konformità mar-rekwiżiti tal-politiki rilevanti tal-UE;
- Jibda u jipparteċipa fi proġetti tal-ECDC prinċipalment fil-qasam tat-tħejjija għall-emerġenza u r-rispons għal theddid ta' mard li jittieħed;
- Jippromwovi u jżomm kollaborazzjoni effettiva mas-sħab Ewropej u daww internazzjonali b'mod partikolari fil-qasam tat-tħejjija għall-emerġenza u r-rispons għal theddid ta' mard li jittieħed, u speċifikament:
 - jappoġġa lill-Kummissjoni Ewropea (b'mod partikolari l-ġestjoni tal-kriżijiet u t-tħejjija fl-unità tas-saħħa tad-DĠ SANTE) u l-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa tagħha;
 - jassisti lill-Istati Membri fit-titjib tal-istat ta' tħejjija tagħhom għall-emerġenza u fir-rispons għal theddid tranfruntieri serju għas-saħħa (eż. permezz tat-tħejjija u l-koordinazzjoni tal-iżvilupp ta' valutazzjonijiet rapidi tar-riskju, eżerċizzji ta' simulazzjoni, studji tal-każijiet, rieżamijiet ta' wara l-azzjoni, żjarat fil-pajjiżi, skjeramenti fuq il-post u appoġġ għall-investigazzjonijiet dwar it-tifqigħat); u

- itejjeb il-kollaborazzjoni mal-WHO għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti Internazzjonali dwar is-Saħħa;
- Jikkoordina l-ippjanar u l-eżekuzzjoni ta' attivitajiet fil-qasam tat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri b'enfasi fuq l-epidemiji u l-pandemiji, filwaqt li jippromwovi kollaborazzjoni ma' gruppi ta' ħidma dedikati b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-aspetti tas-saħħa tal-Qafas ta' Sendai għall-azzjoni;
- Jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni għall-valutazzjoni tal-istat ta' tħejjija tal-UE u tal-Istati Membri, f'kollaborazzjoni mal-esperti rilevanti fl-ECDC, mal-Punti Fokali Nazzjonali għat-Tħejjija u r-Rispons, u jappoġġa l-attivitajiet ta' appoġġ għall-pajjiżi tal-ECDC;
- F'kollaborazzjoni mal-unitajiet rilevanti fl-ECDC, jżviluppa u jtejjeb proċeduri operattivi standard, materjal ta' taħriġ, għodod u dokumenti ta' gwida għal attivitajiet tat-tħejjija u r-rispons b'rabta ma' avvenimenti emerġenti, inklużi l-operazzjonijiet taċ-ċentru għall-operazzjonijiet ta' emerġenza u l-iskema ta' ħidma tiegħu;
- Jikkoordina u jmexxi t-tħejjija ta' valutazzjonijiet tar-riskju rapidi fir-rigward ta' theddid emerġenti u emerġenti mill-ġdid għall-UE;
- Jistabbilixxi kuntatti ta' ħidma mill-qrib maċ-Ċentru, u jappoġġa unitajiet operattivi oħra fi ħdanu fil-qasam tat-tħejjija għall-emerġenza u r-rispons;
- Jirrappreżenta lill-ECDC f'laqgħat u avvenimenti internazzjonali;
- Jibda, jikkoordina u jikkontribwixxi b'mod attiv għal pubblikazzjonijiet xjentifiċi, inklużi pubblikazzjonijiet evalwati bejn il-pari, fil-qasam tat-tħejjija għall-emerġenza u r-rispons għal theddid ta' mard li jittieħed;
- Jikkontribwixxi għal attivitajiet oħrajn tal-ECDC, skont kif meħtieġ, u fil-qasam ta' kompetenza tiegħu/tagħha.
- Jipparteċipa u jikkoordina b'mod attiv id-dmirijiet ta' Rispons;
- Jista' jintalab jikkontribwixxi għas-sistema tax-xogħol 24/7 tal-ECDC.

Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli jeħtieġ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestati b'diploma fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' 4 snin jew iktar, jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għall-istudji universitarji mitmuma attestati b'diploma u esperjenza professjonali adegwata ta' mill-inqas sena meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' mill-inqas 3 snin¹;
- Mill-inqas 9 snin ta' esperjenza professjonali² (wara l-għoti tad-diploma);
- Għarfien profond ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE sal-limitu meħtieġ għall-qadi tad-dmirijiet tiegħu/tagħha³;

¹ Se jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija

² Is-servizz militari obbligatorju dejjem jiġi kkunsidrat.

³ Il-kandidati b'lingwa tal-UE mhux uffiċjali jew bl-Ingliż bħala l-lingwa materna tagħhom iridu jipprovdu evidenza tal-livell tagħhom ta' tieni lingwa b'ċertifikat (B1 jew iktar). Barra minn hekk, sabiex ikunu eliġibbli għal promozzjoni permezz ta' eżerċizzju ta'

- Ċittadinanza ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Intitolament għad-drittijiet sħaħ tiegħu jew tagħha bħala ċittadin⁴;
- Ikun issodisfa l-obbligi kollha imposti mil-ligijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Jissodifa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Ikun fiżikament kapaċi li jwettaq id-dmirijiet relatati ma' din il-kariga.

B. Kriterji tal-għażla

Biex jikkwalifika għal din il-kariga, identifikajna kriterji essenzjali fir-rigward tal-esperjenza professjonali u l-karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali. Dawn huma:

Esperjenza professjonali/għarfien:

- Mill-inqas 5 snin esperjenza professjonali miksuba f'karigi rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjieg;
- Lawrja universitarja fil-qasam tas-saħħa, preferibbilment b'lawrja postgradwatorja fis-saħħa pubblika jew fit-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri;
- Esperjenza mixhuda bi prova f'attivitajiet relatati mat-tiżni strateġiku u operazzjonali tat-tnejja u r-rispons għal theddid ta' mard li jittieħed, fl-Istati Membri u/jew fil-livell tal-UE u/jew internazzjonali;
- Esperjenza fl-iżvilupp u ż-żamma ta' relazzjonijiet ta' ħidma mal-awtoritajiet tas-saħħa pubblika fl-Istati Membri tal-UE kif ukoll pajjiżi sħab oħra (eż. pajjiżi tat-tkabbir u/jew pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat);
- Esperjenza ta' ħidma mixhuda bi prova fil-ġestjoni ta' proġetti relatati mat-tnejja u r-rispons għall-emerġenza tas-saħħa pubblika, preferibbilment inklużi missjonijiet fuq il-post;
- Familjarità profonda mal-politiki, l-oqfsa legali u l-mekkaniżmi tal-UE u dawk internazzjonali fir-rigward tal-ippjanar ta' tnejja u ta' reazzjoni f'każ ta' emerġenza għal theddid transfruntieri għas-saħħa u kollaborazzjoni relatata minn settur għall-ieħor, inkluż fehim tajjeb tal-organizzazzjoni tas-sistema tas-saħħa nazzjonali fl-Istati Membri;
- Għarfien eċċellenti tal-Ingliż, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Ħila li taħdem b'mod kollaborattiv u li tibni relazzjonijiet tax-xogħol b'saħħithom;
- Ħiliet organizzattivi u ta' ġestjoni tal-proġetti eċċellenti, approċċ strutturat għall-kompiti u l-ħila ta' prijoritizzazzjoni;
- Ħiliet eċċellenti ta' negozjar u komunikazzjoni, li jirriflettu s-sensittività organizzattiva u l-għarfien tas-sitwazzjoni b'mod partikolari meta jkun hemm involviment ma' partijiet ikkonċernati sħab ewlenin;
- Ħila li taħdem taħt pressjoni, timmaniġġja r-responsabbiltajiet u tiegħu inizjattiva;
- Xprunat/a mill-kwalità u orjentata lejn is-servizz.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jasl, il-kumitat tal-għażla jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji tal-għażla msemmija qabel.

promozzjoni annwali, il-membri tal-persunal għandu jkollhom għarfien operazzjonali tat-tielet lingwa tal-UE, kif deskritt fir-Regolamenti tal-Persunal u r-Regoli ta' Implimentazzjoni applikabbli.

4 Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul se jintalab jipprovi ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juri li ma għandux kondotta kriminali.

Opportunitajiet Indaq

L-ECDC huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaq u jħeġġeġ applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u tal-għażla mingħajr l-ebda distinzjoni fuq bażi ta' età, razza, politika, konvinzjoni filosofika jew reliġjuża, ġeneru jew orjentazzjoni sesswali u irrispettivament mid-diżabilitajiet.

In-nisa bħalissa mhumiex irrappreżentati biżżejjed f'dan il-qasam tan-negozju/funzjonijiet maniġerjali. Għalhekk, l-applikanti nisa huma mħeġġa japplikaw.

Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg se jinħatar abbażi ta' lista qasira proposta mill-Kumitat tal-Għażla lid-Direttur. Dan l-avviż ta' post vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat tal-Għażla. Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom jinnotaw li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni fil-lista qasira ma tiggarrantixxix ir-reklutaġġ. Il-lista qasira ta' kandidati se tiġi stabbilita wara proċess ta' għażla miftuħa.

Il-kandidat magħżul se jiġi rekrutat bħala Aġent Temporanju, skont l-Artikolu 2f) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu ta' ħames snin li jista' jiġġedded. Il-ħatra se tkun fil-grad **AD 8**.

L-applikanti għandhom jinnotaw ir-rekwiżit fir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal il-ġdid kollu li għandu jtemm perjodu ta' prova b'suċċess.

Għal aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140501>

Il-post tal-impjieg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

Lista ta' riżerva

Tista' tinħoloq lista ta' riżerva u din tintuża għar-reklutaġġ, f'każ li jkun hemm postijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data tal-iskadenza tal-applikazzjoni u tista' tiġi estiża.

Proċedura tal-applikazzjoni

Biex tapplika, jekk jogħġbok, ibgħat applikazzjoni mimlija lil Recruitment@ecdc.europa.eu fis-suġġett tal-ittra elettronika indika b'mod ċar ir-referenza tal-post vakanti u kunjomok.

Biex l-applikazzjoni tiegħek tkun valida, trid timla t-taqsimiet meħtieġa kollha tal-formola tal-applikazzjoni, li jenħtieġ li tintbagħat fil-format Word jew PDF u preferibbilment bl-Ingliż⁵. Applikazzjonijiet mhux mimlija għalkollox jitqiesu bħala mhux validi.

Il-formola tal-applikazzjoni tal-ECDC tinsab fuq is-sit web tagħna hawnhekk:

<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>

⁵ Dan l-avviż ta' post vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinal tiegħu bl-Ingliż. Peress li l-lingwa ta' ħidma ta' kuljum tal-Aġenzija hija ġeneralment l-Ingliż, l-ECDC jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet u aktar informazzjoni rigward l-istatus ta' din il-proċedura tal-għażla, kif ukoll informazzjoni importanti rigward il-proċess ta' rekrutaġġ, hija mniżżla fuq is-sit web tagħna u tista' tinstab bl-użu tal-link ta' hawn fuq.

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.